

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI
TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI

EPSO/AST/129/13 — Assistenti (AST 3)

(2013/C 355 A/01)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza din il-kompetizzjoni ġenerali permezz ta' eżamijiet sabiex tinholq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' **assistenti (*) fl-oqsma li ġejjin:**

1. KONTABILITÀ/ĠESTJONI FINANZJARJA
2. EKONOMIJA/FINANZI
3. KWISTJONIJET LEGALI

L-għan ta' din il-kompetizzjoni hu li jitfasslu listi ta' riżerva maħsuba biex jimlew postijiet vakanti fi ħdan numru ta' Istituzzjonijiet Ewropej.

Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 270 A tas-7 ta' Settembru 2012 kif ukoll fuq is-sit tal-Internet tal-EPSO.

Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni.

WERREJ

- I. QAFAS ĠENERALI
- II. DESKRIZZJONI TAD-DMIRIJET
- III. KUNDIZZJONIJET TA' AMMISSJONI
- IV. TESTIJET TA' DĦUL
- V. ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI
- VI. LISTI TA' RIŻERVA
- VII. KIF TAPPLIKA?
- ANNESI

(*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

I. QAFAS ĠENERALI

1. Numru ta' kandidati magħżula skont il-qasam	Qasam 1 = 51 Qasam 2 = 32 Qasam 3 = 28
2. Kummenti	Int tista' tapplika għal qasam wieħed biss. Din l-għażla trid issir meta tkun qed timla l-applikazzjoni elettronika u ma tkunx tista' tinbidel ladarba tkun ikkonfermajt u vvalidajt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku.

II. DESKRIZZJONI TAD-DMIRIJET

L-Assistenti tal-livell AST 3 jieħdu sehem, taħt is-sorveljanza ta' amministratur, fil-kisba tal-missjoni tal-istituzzjoni jew tal-korp tagħhom u jkunu mistennija li jwettqu kompiti ta' applikazzjoni, ta' implimentazzjoni, ta' appoġġ u ta' loġistika f'diversi oqsma tal-attività.

Deskrizzjoni dettaljata ta' dawn l-oqsma differenti tinsab fl-Annessi.

III. KUNDIZZJONIJET TA' AMMISSJONI

Fid-data tal-għeluq stabbilita għall-applikazzjoni elettronika, int għandek tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kollha li ġejjin:

1. Kundizzjonijiet ġenerali

- (a) Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- (b) Tkun tgawdi mid-drittijiet ċivili tiegħek.
- (c) Tkun wettaqt kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet dwar ir-reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari.
- (d) Tkun issodisfajt ir-rekwiżiti fir-rigward tal-karattru meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet previsti.

2. Kundizzjonijiet speċifiċi

2.1.	Kwalifiki: ara l-anness
2.2.	Esperjenza professjonali: ara l-anness

2.3.	Għarfien lingwistiku ⁽¹⁾ <i>Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Awla Manja) fil-Kawża C-566/10 P, ir-Repubblika Taljana vs il-Kummissjoni, l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni jixtiequ, fil-qafas tal-kompetizzjoni preżenti, jistqarru r-raġunijiet għal-limitu tal-għażla tat-tieni lingwa għal numru limitat ta' lingwi uffiċjali tal-Unjoni.</i> <i>Għaldaqstant il-kandidati huma infurmati li l-għażliet tat-tieni lingwa aċċettati għal din il-kompetizzjoni ġew definiti b'konformità mal-interess tas-servizz, li jeżiġi li daww li jiġu rreklutati jkunu jistgħu jibdw jaħdmu minnufih u jikkomunikaw b'mod effiċjenti fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Jekk dan ma jkunx il-każ, it-tħaddim effettiv tal-istituzzjonijiet jista' jiġi affettwat ħażin ħafna.</i> <i>Abbażi ta' prassi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li ilha titħaddem fir-rigward tal-lingwi użati għal komunikazzjoni interna u b'kunsiderazzjoni wkoll tal-ħtiġijiet tas-servizzi dwar il-komunikazzjoni esterna u l-immaniġġar tal-fajls, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż jibqgħu l-aktar lingwi użati. Barra minn hekk, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż huma l-lingwi sekondarji l-aktar użati fl-Unjoni Ewropea u daww l-aktar studjati bħala lingwi sekondarji. Dan jikkonferma l-livell ta' edukazzjoni u l-kompetenzi professjonali li attwalment wieħed jista' jistenna mill-kandidati f'pożizzjonijiet fl-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, jiġifieri l-għarfien ta' mill-inqas waħda minn dawn il-lingwi. Konsegwentement, meta wieħed iqabbel l-interess tas-servizz u l-ħtiġijiet u l-ħiliet tal-kandidati, meta jitqies il-qasam partikolari ta' din il-kompetizzjoni, ikun ġust li jiġu organizzati eżamijiet f'dawn it-tliet lingwi sabiex jiġi żgurat li, tkun xi tkun l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom, il-kandidati kollha jkunu jafu tajjeb mill-inqas waħda mit-tliet lingwi uffiċjali fil-livell ta' xogħol. Il-valutazzjoni tal-kompetenzi speċifiċi b'dan il-mod tippermetti lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni jevalwaw il-ħila tal-kandidati li jkunu jistgħu jibdw jaħdmu minnufih f'ambjent simili għal dak li se jsibu fl-impjieg.</i> <i>Għall-istess raġunijiet, huwa indikat li tiġi ristretta l-lingwa ta' komunikazzjoni bejn il-kandidati u l-istituzzjoni, inkluża l-lingwa li biha jtfasslu l-applikazzjonijiet. Din l-eżiġenza tiżgura l-omoġeneità tat-tqabbil u l-kontroll tal-kandidati fl-applikazzjonijiet tagħhom stess.</i> <i>Barra minn hekk, fl-interess ta' trattament ugwali tal-kandidati kollha, inklużi daww li l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom hija waħda minn dawn it-tlieta, kulħadd huwa meħtieġ li jagħmel ċerti eżamijiet fit-tieni lingwa tiegħu, magħżula minn fost dawn it-tliet lingwi.</i> <i>Dawn id-dispożizzjonijiet ma jaffettwawx it-tagħlim ulterjuri tat-tielet lingwa ta' hídma, b'konformità mal-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.</i>
Lingwa 1	Lingwa prinċipali: għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
u	
Lingwa 2	It-tieni lingwa (għandha tkun differenti mil-lingwa 1): għarfien sodisfaċenti tal-Ġermaniż, l-Ingliż jew il-Franċiż

IV. TESTIJET TA' DĦUL

It-testijiet ta' dħul isiru fuq il-kompjuter u huma organizzati mill-EPPO. Il-bord tas-selezzjoni jiddetermina l-livell ta' diffikultà tat-testijiet u japprova s-sustanza tagħhom abbażi tal-proposti magħmula mill-EPPO.

⁽¹⁾ Ara l-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKER) — livell meħtieġ: lingwa 1 = C1, lingwa 2 = B2 (<http://europass.cedefop.europa.eu/europass/home/hornav/Downloads/CEF/LanguageSelfAssessmentGrid.csp>).

1. L-istedina	Inti tiġi mistieden għat-testijiet jekk tkun invalidajt l-applikazzjoni tiegħek fil-ħin (ara t-Taqsima VII). Attenzjoni: 1. meta tivvalida l-applikazzjoni tiegħek, inti tiddikjara li tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III. 2. biex tipparteċipa fit-testijiet, trid tirriżerva data; din ir-riżervazzjoni trid bilfors issir fiż-żmien stipulat li jiġi indikat lilek permezz tal-profil tal-EPPO tiegħek.	
2. Deskrizzjoni tat-testijiet u dettalji dwar il-marki	Sensiela ta' testijiet ibbażati fuq mistoqsijiet b'għażla multipla bl-għan li jiġu evalwati l-ħiliet u l-kompetenzi ġenerali tiegħek fir-rigward ta':	
Test (a)	Ir-raġunament verbali	marki: minn 0 sa 20 punt
Test (b)	Ir-raġunament numeriku	Marki: minn 0 sa 10 punti Il-minimu mehtiegħ għal kull qasam Qasam 1: 5 punti Qasam 2: 5 punti Qasam 3: 4 punti
Test (c)	Ir-raġunament astratt	Marki: minn 0 sa 10 punti
		Minimu mehtiegħ għat-testijiet (a) u (c) flimkien: 15-il punt
Test (d)	Kapaċitajiet professjonali: Eżattezza u preċiżjoni	Marki: minn 0 sa 20 punt
Test (e)	Kapaċitajiet professjonali: Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	Marki: minn 0 sa 20 punt
		Minimu mehtiegħ għat-testijiet (d) u (e) flimkien: 20 punt
Test (f)	Il-valutazzjoni sitwazzjonali	Marki: minn 0 sa 40 punt Minimu mehtiegħ: 24 punt
3. Lingwa tat-testijiet	Lingwa 1 għat-testijiet (a), (b) u (c) Lingwa 2 għat-testijiet (d), (e) u (f)	

V. ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI

1. L-istedina	Int tkun mistieden għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni — jekk tkun ksibt il-minimu mehtiegħ fit-testijiet ta' dħul kollha, — jekk tkun ⁽²⁾ ksibt waħda mill-aħjar marki fit-testijiet kollha (a), (c), (d), (e) u (f), u — jekk l-eżaminar abbażi tal-informazzjoni li tkun pprovdajt fl-applikazzjoni elettronika tiegħek, jindika li int tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III ⁽³⁾ . It-test ta' dħul (b) huwa eliminatorju iżda l-punti ma jingħaddux mal-punti tat-testijiet l-oħrajn biex jiġu identifikati l-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni. In-numru ta' kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jikkorrispondi bejn wiehied u ieħor ma' darbtejn u nofs in-numru tal-kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni, u jkun ippubblikat fuq il-websajt tal-EPPO (http://blogs.ec.europa.eu/eu-careers.info/).
----------------------	---

⁽²⁾ F'każ li, diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħjar post, dawn il-kandidati kollha jkunu mistiedna għaċ-ċentru tal-evalwazzjoni.

⁽³⁾ Din l-informazzjoni tiġi verifikata, abbażi tad-dokumenti ta' prova, qabel ma tiġi stabbilita l-lista ta' riżerva (ara t-Taqsima VI, il-punt 1 u t-Taqsima VII, il-punt 2).

2. Iċ-Ċentru Evalwazzjoni	ta'	Inti tintalab twettaq żewġ tipi ta' evalwazzjoni: — Il-kompetenzi speċifiċi, li jkunu evalwati permezz ta' dan it-test: (g) studju tal-każ ⁽⁴⁾ fil-qasam magħżul; — Il-kompetenzi ġenerali ⁽⁵⁾, li jkunu evalwati permezz tal-punti ⁽⁴⁾ li ġejjin: (g) studju tal-każ fil-qasam magħżul (h) posta elettronika (eżerċizzju tal-in-tray) (i) intervista strutturata (j) eżerċizzju fi grupp Int tkun mistieden tipparteċipa fl-istudju ta' każ ⁽⁶⁾ fil-qasam magħżul (li huwa parti integrali miċ-ċentru ta' evalwazzjoni) u għall-elementi l-oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, li fil-prinċipju se jsir Brussell u li jdum għurnata. Kull waħda mill-kompetenzi ġenerali tiġi ttestjata skont il-mudell li ġej:			
		Studju tal-każ	Posta elettronika	Intervista strutturata	Eżerċizzju fi grupp
Analiżi u soluzzjoni tal-problemi		x	x		
Komunikazzjoni		x		x	
Kwalità u riżultati		x	x		
Tagħlim u żvilupp				x	x
Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni			x	x	
Reżiljenza				x	x
Xogħol f'tim			x		x
3. Lingwi taċ-ċentru ta' evalwazzjoni	Lingwa 2				
4. Marki	Kompetenzi speċifiċi (test (g)) Minn 0 sa 30 punt Minimu meħtieġ: 15-il punt Piż: 30 % tal-marka globali Kompetenzi ġenerali (testijiet (g), (h), (i) u (j)) Minn 0 sa 10 punti għal kull kompetenza ġenerali Minimu meħtieġ: 3 punti għal kull kompetenza u 35 punt minn 70 għas-7 kompetenzi ġenerali kollha f'daqqa Piż: 70 % tal-marka globali				

⁽⁴⁾ Il-kontenut ikun invalidat mill-bord tas-selezzjoni.

⁽⁵⁾ Id-definizzjoni ta' dawn il-kompetenzi hija mfissra fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

⁽⁶⁾ Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, l-istudju ta' każ jista' jsir fiċ-ċentri tal-ittestjar fl-Istati Membri, indipendentement mit-testijiet l-oħra li jsiru fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

VI. LISTI TA' RIŻERVA

1. Kandidati li jiddaħħlu fil-listi ta' riżerva ⁽⁷⁾	Il-bord tas-selezzjoni jniżżel ismek fil-lista ta' riżerva: — jekk int tkun wieħed mill-kandidati ⁽⁸⁾ li jkunu kisbu l-minimu meħtieġ flimkien ma' waħda mill-aħjar marki fit-testijiet kollha taċ-ċentru ta' evalwazzjoni (ara l-għadd ta' kandidati magħżula, it-Taqsima I.1), — u jekk, fid-dawl tad-dokumenti ta' sostenn, inti tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni. Il-verifika ssir, b'ordni dixxendenti ta' mertu, sakemm jintlaħaq in-numru ta' kandidati li jistgħu jitniżżlu fil-lista ta' riżerva u li effettivament jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni. Id-dokumenti ġustifikattivi tal-kandidati li jkunu ġew ikklassifikati taħt dan il-limitu ma jiġux eżaminati. Jekk minn din il-verifika jirriżulta li d-dikjarazzjonijiet ⁽⁹⁾ li jkunu saru mill-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom ma jkunux ippruvati bid-dokumenti ta' sostenn rilevanti, il-kandidati kkonċernati jiġu esklużi mill-kompetizzjoni.
2. Klassifika	Listi stabbiliti skont il-kompetizzjoni u f'ordni alfabetika.

VII. KIF TAPPLIKA?

1. Applikazzjoni elettro-nika	Għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq il-websajt tal-EPPO, u b'mod speċjali fil-Manwal tal-Applikazzjoni. Data tal-għeluq (inkluża l-validazzjoni): 1-14 ta' Jannar 2014 f'12.00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell
2. Fajl tal-applikazzjoni	Jekk inti tkun fost il-kandidati ammessi għaċ-ċentru tal-evalwazzjoni, għandek iġġib miegħek il-fajl tal-applikazzjoni komplut tiegħek (l-applikazzjoni elettronika tiegħek iffirmata u d-dokumenti ġustifikattivi) meta tmur fiċ-ċentru tal-evalwazzjoni ⁽¹⁰⁾. Proċedura: ara l-punt 6.1 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

⁽⁷⁾ Il-kandidati magħżula ta' din il-kompetizzjoni li l-siem tagħhom jitniżżel f'lista ta' riżerva tista' ssir ilhom proposta ta' reklutaġġ fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal l-aħħar emendati bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15), bla preġudizzju għal konsegwenzi oħra ta' natura ġuridika u finanzjarja.

⁽⁸⁾ F'każ li, diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħħar post, dawn il-kandidati kollha jitniżżlu fil-lista ta' riżerva.

⁽⁹⁾ Id-dikjarazzjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet ġenerali jiġu vverifikati mill-EPPO u dawk relatati mal-kundizzjonijiet speċifiċi jiġu vverifikati mill-bord tas-selezzjoni.

⁽¹⁰⁾ Id-data tal-konvokazzjoni għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni tiġi kkomunikata lilek fi żmien xieraq permezz tal-profil tiegħek tal-EPPO.

ANNEX 1

KONTABILITÀ/ĠESTJONI FINANZJARJA**1. Deskrizzjoni tad-dmirijiet**

Fil-qafas tal-attivitajiet ta' kontabilità tal-istituzzjoni, li jirriżultaw mir-regolament finanzjarju tal-Unjoni Ewropea u l-modalitajiet ta' applikazzjoni tiegħu, l-uffiċjal ikun inkarigat, taħt l-awtorità ta' amministratur u bl-użu tal-għodod speċifiċi tal-informatika (sistema tal-informatika dwar il-kontabilità), li jwettaq il-karigi ta' applikazzjoni bħal:

- Parteċipazzjoni fil-ġestjoni tal-kontabilità ġenerali u l-analiżi tal-kontijiet.
- Parteċipazzjoni fit-tħejija tar-rapporti u l-kontijiet annwali.
- Żgurar ta' segwitu ta' ammont reċevibbli u l-istabbiliment ta' dħul.
- Parteċipazzjoni fil-ġestjoni finanzjarja tal-irċevuti u l-kontroll tat-trattament tal-kontabilità.
- Żgurar taż-żamma ta' kontabilità ġenerali jew baġitarja.
- Parteċipazzjoni fl-installazzjoni, l-implimentazzjoni u t-titjib tal-proċeduri ta' kwalità fil-kontabilità sabiex jitnaqqsu r-riskji tal-kontabilità.
- Parteċipazzjoni fil-pjanifikazzjoni, it-tweqqif, is-segwitu u l-konklużjoni ta' proċeduri ta' appalti pubbliċi, ta' ħolqien ta' fajls sal-iffirmar tal-kuntratti, fil-qafas tar-regoli fis-seħħ.
- Assistenza fix-xogħlijiet ta' għeluq u tħejija ta' preżentazzjoni tal-qagħda finanzjarja.
- Segwitu tal-proċeduri finanzjarji (impenji, verifika tal-kontijiet, pagamenti u rkupru tad-djun).
- Ġestjoni tar-rikonċiljazzjonijiet fil-kontabilità ġenerali u tal-kontijiet tal-impres.
- Għajjuna fl-analiżi u s-segwitu ta' kontijiet miżmuma minn terzi u l-kontribuzzjoni għad-definizzjoni ta' proċeduri u proċessi ġodda f'dan il-qasam.
- Kontribuzzjoni għat-tweġibiet tal-helpdesk għall-ġestjoni finanzjarja u l-kontabilità.

2. Kwalifiki

Livell ta' edukazzjoni postsekondarja ċċertifikat b'diploma marbut mal-qasam tal-kariga magħżula.

JEW

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, iċċertifikat b'diploma ta' tmien l-istudji li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja, segwita b'esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin marbuta mal-qasam tal-kariga.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin hija parti sħiħa mid-diploma u ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

3. Esperjenza professjonali

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin f'rabta mad-deskrizzjoni tad-dmirijiet.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

ANNEX 2

EKONOMIJA/FINANZI**1. Deskrizzjoni tad-dmirijiet**

L-uffiċjal ikun inkarigat, taħt l-awtorità ta' amministratur, b'kompiti fil-qasam tas-sorveljanza u l-analiżi tas-swieq finanzjarji, il-politika monetarja kif ukoll is-segwitu ta' proċeduri finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. L-uffiċjal għandu jkollu għarfien tajjeb tal-proċeduri finanzjarji, tal-materja fiskali kif ukoll għarfien fl-oqsma tal-ekonomija u s-swieq finanzjarji. Bħala eżempju, il-kompiti jistgħu jkunu:

- Parteċipazzjoni fl-analiżi tas-swieq finanzjarji u sorveljanza tas-swieq.
- Għajjnuna fil-ħidmiet relatati mal-politika monetarja, ir-regolamenti tas-swieq finanzjarji, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-infrastruttura finanzjarja.
- Għajjnuna fir-riċerka, l-analiżi, it-trattament u l-interpretazzjoni tad-dejta ekonomika, monetarja u finanzjarja, fit-thej-
jija tar-rapporti dwarhom u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni.
- Għajjnuna fl-evalwazzjoni tal-politiki ekonomiki, finanzjarji u fiskali.

Dawn il-funzjonijiet jeżiġu kapaċità ta' adattabilità f'oqsma tax-xogħol transversali kif ukoll fehma tajba tal-kwistjonijiet politiċi u ekonomiċi, kompetenzi kkonfermati ta' analiżi, komunikazzjoni, tfassil, tekniki ta' disseminazzjoni u ġestjoni ta' proġetti.

2. Kwalifiki

Livell ta' edukazzjoni postsekondarja ċċertifikat b'diploma marbut mal-qasam tal-kariga magħżula.

JEW

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, iċċertifikat b'diploma ta' tmien l-istudji li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja, segwita b'esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin marbuta mal-qasam tal-kariga.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin hija parti sħiħa mid-diploma u ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

3. Esperjenza professjonali

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin frabta mad-deskrizzjoni tad-dmirijiet.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

ANNEX 3

KWISTJONIJIET LEGALI**1. Deskrizzjoni tad-dmirijiet**

L-assistenti jkunu inkarigati, taħt l-awtorità ta' amministratur, b'karigi bħal dawk deskritti hawn taħt, bħala eżempju.

- Kontribuzzjoni għall-analiżi u s-sinteżi ta' fajls għat-tħejija tat-teħid ta' pożizzjoni tal-istituzzjonijiet, tal-ġuristi u/jew l-avukati kompetenti.
- Parteċipazzjoni fit-tħejija ta' pariri dwar kwistjonijiet ta' natura legali, ta' rikors jew proċedurali.
- Tħejija ta' fajls dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni permezz ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni jew ta' proċedura bil-miktub, l-abbozzi ta' komunikazzjoni fl-istituzzjoni kif ukoll abbozzi ta' konsultazzjoni tas-servizzi.
- Sorveljanza u segwitu tad-diversi azzjonijiet mibdija, l-istadij tal-proċeduri (fażijiet ta' qabel ir-rikors u matul ir-rikors) u l-ħarsien tal-iskadenzi.
- Twettiq ta' riċerki u analiżi ta' tħejija tal-ġurisprudenza Ewropea u nazzjonali.
- Għajnuna lill-ġuristi fis-selezzjoni ta' avukati esterni skont il-fond u l-qorti kompetenti. Stabbiliment u kontroll ta' dokumenti ta' sergwitu dwar il-kuntratti konklużi mal-avukati esterni. Stabbiliment tas-setgħat neċessarji u r-rappreżentazzjoni tal-istituzzjoni quddiem il-qorti nazzjonali.
- Twegħibiet i għall-mistoqsijiet u t-talbiet għal informazzjoni fil-qafas ta' fajls ta' riskors fit-tifsira wiesgħa u ta' rkupri ta' djun.
- Ġbir ta' fajls ta' rikors komunitarji u nazzjonali u ta' rkupru infurzat tad-dejn.
- Twettiq ta' riċerki u għestjoni tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti minn ċittadini Ewropej fil-qafas tar-regolamenti applikabbli.
- Parteċipazzjoni fid-definizzjoni ta' għodod ġodda ta' għestjoni tad-dokumenti, mili u għestjoni tal-bażijiet ta' dejta ta' liġi nazzjonali u Ewropea.

2. Kwalifiki

Livell ta' edukazzjoni postsekondarja, iċċertifikat b'diploma ta' tmiem l-istudji fil-qasam legali.

JEW

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, iċċertifikat b'diploma ta' tmiem l-istudji li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja, segwita b'esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin marbuta mal-qasam tal-kariga.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin hija parti sħiħa mid-diploma u ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

3. Esperjenza professjonali

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin f'rabta mad-deskrizzjoni tad-dmirijiet.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.
